MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 6(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2013, fil-5:15 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Skuzat**: Steven Grech (S.G.)

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Quarterly Financial Report Jannar – Marzu 2013
6. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
7. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Qari tal-Minuti**

1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduti Numru 5 (2013) kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Angelo Micallef unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

**2 Arisings mill-Minuti**

2.1 Ma kienx hemm

## 3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

3.1 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellu laqgha mas-Segretarjat Parlamentari tal-Onor. Jose' Herrera bil-ghan illi jigu diskussi u possibilment jithaffef il-process ta' approvazzjoni ta' bye-laws li l-Kunsill Lokali kien qieghed jipproponi ghal-lokalita'. Huwa zied jghid illi filwaqt li ghall-bye-las dwar karrijiet u oggetti ohra ta' ingombru l-unika problemi li kien hemm kienet rigward is-siti li kellhom jigu eskluzi (u din il-materja giet diskussa u rizolta waqt l-istess laqgha), il-Kunsill Lokali kien qieghed jigi mitlub jirrevedi l-hlasijiet relatati ma' bye-laws ghal attivitajiet fil-berah. Fil-fatt kien qieghed jigi propost illi l-hlas ghal attivita' ikun ta' €3 f'kaz ta' grupp li ma jabqiza il-25 individwu u ta' €20 ghal grupp ta' 25 individwu jew aktar. Wara diskussjoni libera dwar din it-tema gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi ma' dak li kien gie propost waqt l-imsemmija laqgha. E.M. qal illi rigward il-bye-laws ghal-latrini pubblici kienet qieghda tigi evalwata l-possibilita' illi jsir ix-xoghol li kien qieghed jipproponi l-Kunsill Lokali minghajr ma' jidhlu fis-sehh il-bye-laws. Dan peress illi bye-laws f'din ic-cirkostanza kienu mehtiega kemm il-darba il-Kunsill Lokali kien ser ikollu xi dhul finanzjarju. Il-proposta li ressaq il-Kunsill lokali ma kienet tinvolvi ebda hrug jew dhul finanzjarju u ghaldaqstant kien hemm il-probabilita' illi l-bye-laws ma kenux mehtiega.

3.2 Is-Sur Edric Micallef qal illi wara li l-Kunsill Lokali kien ircieva petizzjoni minn residenti dwar parkegg irregolari ta' coaches fiz-zona ta' Triq Melqart, Triq Axtart u Triq Bir Rikka kienet ingibdet l-attenzjoni ta' Transport Malta. Min-naha taghha Transport Malta kienet iffriskat il-marki ta' parkegg u wahhlet tabelli fi Triq il-Power Station fis-sit li fih suppost kienu jipparkjaw l-imsemmija coaches. Rapprezentanti ta' TM imbaghad kienu intbaghtu fiz-zona ta' Triq Melqart, Axtart u Bir Rikka sabiex jinfurmaw lill-coaches biz-zona ta' Triq il-Powerstation li kienet riservata ghalihom.

3.3 Is-Sindku qal illi waqt li kienu qieghdin isiru xogholijiet fuq Triq Xatt is-Sajjieda (Tender MXLC04/2012), kienet inqalghet problema bejn il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u l-kuntrattur li kien qieghed jaghmel ix-xogholijiet. Dan peress illi l-WSC riedet tohrog Works Order ghal Triq Xatt is-Sajjieda biss ( u tinhareg tender mill-gdid ghal Triq iz-Zejtun) u l-kuntrattur kien qieghed jinsisti illi ghandha tinhariglu Works Order anke ghal Triq iz-Zejtun. E.M. zied jghid illi din il-problema giet rizolta billi l-WSC qabbdet kuntrattur iehor sabiex jaghmel ix-xogholijiet ta' drenagg fi Triq Xatt is-Sajjieda.

3.4 Is-Sindku qal illi wara li kienet saret spezzjoni tal-playing fields ta' Marsaxlokk mill-MCCAA, is-Sur Vince Cassar kien infurmah b'nuqqasijiet li kienu irrizultaw. Dawn kienu jinkudu fost l-ohrajn zbir ta' sigar u manutenzjoni fuq l-*playing equipment* ta' Gnien il-Familja u manutenzjoni fi Gnien Guze Cassar. Dwar ta' l-ahhar is-Sur Micallef spjega kif kien qieghed jigi rakkomandat illi l-playing equipment jinqala' peress li kien inkiser u kien fi stat li johloq periklu ghat-tfal li juzawh. Kien hemm diskussjoni libera dwar jekk il-Kunsill Lokali ghandu jissostitwixxi l-apparat li kien ser jinqala' b'iehor gdid, anke in-vista tal-fatt illi l-*playing field* ta' Triq il-Wilga ma kenitx ser titlesta' f'qasir zmien. Finalment gie deciz illi l-amministrazzjoni kellha tiehu hsieb tigbor stimi ghal apparat gdid ghal Gnien Guze Cassar

3.5 Is-Sur Edric Micallef qal illi fuq network socjali kienet waslet proposta sabiex sakemm jinqata' appell dwar sejha ghall-offerti, fil-*playing field* ta' Triq il-Wilga jsir xi tip ta' divertiment ghat-tfal. Il-proposta kienet tissuggerixxi illi fis-sit jigu armati xi *bouncing castles* u apparat iehor. Is-Sindku zied jghid illi fl-opinjoni tieghu is-suggeriment kien validu hafna u l-Kunsill Lokali kellu jesplora l-possibilita' illi jimplimentah. Wara diskussjoni

qasira dwar din it-tema intlehaq qbil illi l-amministrazzjoni kellha tiehu hsieb tavvicina xi kumpaniji li jipprovdu s-servizzi msemmija ghall-evalwazzjoni.

3.6 Is-Sur Edric Micallef qal illi kien gie avvicinat mis-Sinjura Carmen Scicluna, li kienet taghmel xoghol ta' librara gewwa l-librerija tal-Kunsill Lokali. Huwa zied jghid illi s-Sinjura Scicluna kienet talbitu sabiex kemm il-darba ikun possibbli l-ammont allokat ghal xiri ta' kotba ghall-librerija tal-lokal matul l-2013 ikun l-istess bhal dak tal-2013 u cioe' €600. Is-Sindku ghadda biex jistaqsi lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienx finanzjarjament possibbli illi jigi allokat l-ammont ta' €600 ghal xiri ta' kotba. Filwaqt li sahaq illi l-ammont innifsu ma kellux ikun problema is-Sur Duncan Hall informa lill-Kunsill Lokali illi l-librara kienet tablet ukoll illi fil-bini tal-librerija jizdied xi xkaffar, flimkien ma' desk gdid u xi xoghol iehor. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi ghall-2013, l-ammont ta' fondi allokat ghal xiri ta' kotba godda ghal-librerija tal-lokalita' kellu jkun ta' €600. Gie deciz ukoll illi ghandhom jigu kkontrollati s-sieghat ta' xoghol tal-librara sabiex l-ispiza relatata mal-librerija tinzamm f'livelli accettabbli.

## 4 <u>Korrispondenza</u>

4.1 Permezz ta' e-mail datat 30 t'April 2013, is-Sur Pio Farrugia, f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Centrali informa lill-Kunsill Lokali bl-ammont ta' allokazzjoni li l-Gvern Centrali kien ser jghaddi lill-Kunsill Lokali ghas-sena 2013. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-kunsilliera prezenti illi kienu ghaddejjin it-thejjijiet sabiex jigi pprezentat il-budget tal-Kunsill Lokali. Huwa zied jghid illi l-budget ghall-2013 kien jipprezenta tnaqqis meta mqabbel ma' dak tas-sena precedent.

4.2 Permezz ta' e-mail datat 25 t'April 2013, is-Sur Daniel Zerafa f'isem il-Marsaxlokk Amateur Football Team talab informa lill-Kunsill Lokali illi l-istess ghaqda kienet bi hsiebha torganizza Summer League tal-futbol u talab lill-Kunsill Lokali donazzjoni ta' €180 sabiex jigu koperti l-ispejjez tal-midalji u trofej. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-attivita' kienet wahda valida u kemm il-darba ikun possibbli il-Kunsill Lokali kellu jidhol f'kollaborazzjoni ma' MAFT fl-organizzazzjoni taghha. Minhabba restrizzjonijiet legali madanakollu, id-donazzjoni mitluba ma' setghetx tinghata.

4.3 Permezz ta' notifiki datati 6 u 17 ta' Mejju rispettivament, is-Sinjuri Joseph Cassar u John Bonnett talbu lill-Kunsill Lokali permess sabiex ikunu jistghu itellghu l-opra tal-bahar taghhom fuq l-art fiz-zona tal-*pitch tal-waterpolo* (Triq it-Trunciera) ghal manutenzjoni. Wara li gew evalwati t-talbiet, gie stabbilit illi minhabba l-fatti illi l-permessi kienu qieghdin jintalbu ghal zmien li kien jeccedi dak li normalment jikkoncedi l-Kunsill Lokali ghal dawn ic-cirkustanzi (il-prassi kienet li l-Kunsill Lokali ma jaghtix permessi ghal aktar minn Mejju), gie deciz illi t-talbiet tas-Sinjuri Cassar u Bonnett ma kellhomx jigu milqugha.

4.4 Permezz ta' e-mail datat 16 ta' Mejju 2013, is-Sur Fabian Galea mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi t-talba tal-Kunsill Lokali sabiex jigi estiz il-kuntratt tal-gbir ta' skart temporanjament sakemm jinqata' appell pendenti li kien hemm ghall-istess servizz ma kenitx giet milqugha. Il-Kunsill Lokali gie mheggeg sabiex sakemm jinqata' l-imsemmi appell tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghall-gbir ta' skart.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi rigward din il-materja, f'isem il-Kunsill Lokali kien informa lid-Dipartiment b'diffikultajiet li seta' jiltaqa' maghhom il-Kunsill kemm il-darba tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet hekk kif propost. Huwa zied jghid illi fost l-ohrajn kien ilmenta illi b'sejha ghall-kwotazzjonijiet, is-servizz ta' gbir ta' skart seta' jigi offrut ghall-perjodu ta' xahar biss ghaliex l-ammont in-kwistjoni kien ta'

madwar €4000 fix-xahar. D.H. qal illi sal-gurnata tal-laqgha l-Kunsill Lokali kien ghadu ma rcieva ebda risposta.

*F'dan l-istadju is-Sur Angelo Micallef talab sabiex ikun skuzat ihalli s-seduta minhabba impenji ohra (6:45p.m.)*

4.5 Permezz ta' ittra datata 13 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni Festa Esterna Parrocca Marsaxlokk fakkret lill-Kunsill Lokal fi ftehim li kien intlehaq bejn il-Kunsill Lokali u l-istess Kummissjoni dwar arbli tal-injam tal-festa. Permezz tal-ittra fil-fatt ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ghall-fatt illi l-kummissjoni kienet silfet l-arbli in-kwistjoni minghajr hlas bil-patt illi l-Kunsill Lokali jaghmel xi xoghol ta' manutenzjoni fuqhom.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb, permezz tal-haddiema li kellu assenjati mieghu jwettaq ix-xogholijiet imsemmija sabiex jonora il-ftehim.

4.6 Permezz ta' ittra ricevuta fl-14 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni Festa Esterna Parrocca Marsaxlokk fakkret lill-Kunsill Lokali dwar problema ta' hofor ta' l-arbli mhux adegwati fi Triq Xatt is-Sajjieda li kienu saru aktar kmieni bhala parti minn progett fiz-zona. Il-Kummissjoni tablet lill-Kunsill Lokali sabiex kemm il-darba ikun possibbli tiltaqa' mas-Sindku jew rapprezentant ta' l-istess Kunsill Lokali sabiex tigi diskussa din il-problema.
Wara diskussjoni qasira intlehaq qbil illi l-Vici-Sindku kellu jiltaqa' ma' rapprezentanti ta' l-ghaqda imsemmija bil-ghan illi jigi rizolt kull inkonjenjent kemm il-darba dan ikun possibbli.

4.7 Permezz ta' ittra datata 17 ta' Mejju 2013, is-Sur Joseph Carabott li kien jopera bhala *fixed hawker* fis-suq fil-berah li jarma gewwa l-lokalita' fost il-gimgha talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhariglu permess sabiex ikun jista' jhalli l-vann tieghu fuq is-sit ma tmiem l-operat tas-suq fil-berah.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi minn informazzjoni li kellu l-permess tas-Sur Carabott kien simili ghal dak tal-*fixed hawkers* l-ohra u l-Kunsill Lokali kellu joqghod ferm attent x'koncessjonijiet jaghti. Is-Sur Edric Micallef qal illi l-Kunsill Lokal ma setax jaghti permess lis-Sur Carabott, izda seta' biss jaghti l-opinjoni tieghu dwar din il-materja u kemm il-darba ikun hemm qbil ma joggezzjonax ghat-talba li l-Kunsill Lokali kien ircieva. Huwa zied jghid illi kemm il-darba ikun hemm qbil, fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Carabott sakemm dan ta' l-ahhar ma jkun qieghed johloq ebda oggezzjoni lil terzi. Wara diskussjoni libera dwar din it-talba kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali ma kellux joggezzjona ghat-talba tas-sur Carabott b'certi kundizzjonijiet.

4.8 Permezz ta' memo datat 10 ta' Mejju 2013, is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera u membri fil-bord ta' evalwazzjoni ghal-sejha ghall-offerti numru MXLC01/2013 dwar nuqqas li xi membru/i tal-bord kienu wettqu. Fl-istess memo is-Sur Hall spjega kif informazzjoni kunfidenzjali li kienet giet mghoddija lill-membri kienet waslet ghand terzi meta dan ma kellux isehh.
Is-Segretarju Ezekuttiv sahaq illi dan kien nuqqas serju ghaliex kien ifisser illi xi membru tal-bord ma' kienx affidabbli. Huwa zied jghid illi wara li tkellem mas-Sindku dwar din il-materja, kien gie deciz illi fil-futur membri li jkunu qieghdin iservu fuq xi bord ta' evalwazzjoni kienu ser ikunu qieghdin jigu mhegga jiffirmaw dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalita'. Wara diskussjoni qasira dwar din it-tema u peress illi kien hemm xi kunsilliera li ma kienux prezenti gie deciz illi din it-tema kellha terga tigi diskussa waqt is-seduta segwenti.

## 5 Quarterly Financial Report Jannar-Marzu 2013

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Marzu 2013. Huwa imbaghada ghadda sabiex jaghti spjega dettaljata tad-dhul u l-infiq tal-Kunsill Lokali matul il-perjodu kkoncernat. Huwa spjega fost l-ohrajn kif matul l-ewwel kwart tal-2013, l-infiq tal-Kunsill Lokali kien inqas minn dak previst.
Is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex ir-rapport jigi approvat hekk kif propost. Din il-proposta gie issekondata mis-Sur Stephen Caruana u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 6 Approvazzjoni ta' hlasijiet

6.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja u li gie issekondata mis-Sur Angelo Micallef, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti li huma inkluzi fl-Iskeda ta' pagamenti ( Skeda 05/2013) li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti

## 12 Affarijiet Ohra

12.1 Is-Sur Stephen Caruana qal illi fl-opinjoni tieghu, *central strip* li kienet saret f'Xatt is-Sajjieda kellha bzonn titwal ftit ghar-raguni illi bil-mod kif saret kien ser jinholoq periklu ghal sidien ta' opri tal-bahar li jtellghu d-dghajsa taghhom fi skal li kien hemm fiz-zona. Is-Sur Caruana qal illi filwaqt li kien qieghed jaqbel illi l-imsemmija central strip kellha tiqsar minn kif kienet originarjament, huwa kien ta' l-opinjoni illi kienet qsaret b'mod drastiku zzejjed. Wara li giet evalwata l-proposta tas-Sur Caruana kien hemm qbil unanimu illi l-imsemmija *central strip* kellha titwal b'madwar metru u nofs sabiex toffri aktar sigurta' lil individwi li jkollhom l-opra tal-bahar taghhom fl-iskal.

12.2 Is-Sur Segretarju Ezekuttiv qal illi kienet ingabret stima li kienet tammonta ghal €1150 sabiex isir xoghol ta' *resurfacing* f'parti minn Triq l-Arznell. Is-Sur Hall zied jghid illi wara li kienet inqalghet *road hump tat-tarmac* li kien hemm fl-istess triq kienet saret xi hsara inevitabbli fil-wicc ta' l-asphalt u ghaldaqstant l-amministrazzjoni kienet hadet hsieb tigbor stima tax-xogholijiet sabiex jigi rrangat il-wicc taz-zona milquta.
Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-aktar parti ta' Triq l-Arznell li kellha bzonn manutenzjoni kienet in-naha ta' Triq is-Salvatur. Fil-passat dwar din il-materja kienet intbaghtet ittra lil Transport Malta u kien gie kkonfermat illi l-istess TM kienet ser tkun qieghda taghmel ix-xoghol mehtieg. Ghaldaqstant kellha tintbaghat ittra lil Transport Malta sabiex tigi rrimarkata l-urgenza li jsir ix-xoghol ta' rikostruzzjoni necessarju fi Triq l-Arznell

12.3 Is-Sur Duncan Hall qal illi l-Kunsill Lokal kien ircieva r-*Report to Management* ghas-sena finanzjarja Jannar-Dicembru 2013. D.H. zied jghid illi kien hemm xi punti li kienu rikorrenti minn snin precedenti u li l-Kunsill ma seta jaghmel xejn dwarhom. Dawn kienu jinkludu fost l-ohrajn kuntratt ta' kera ma' Marsaxlokk Football Club. Is-Sur Hall qal ukoll illi kien hemm xi *issues* li ma kenux gejjin minn nuqqas tal-Kunsill Lokali. Ezempju ta' dan kien il-fatt illi l-Kumitat Kongunt Zejtun ma kienx baghat l-*audited annual report* saz-zmien ta' l-audit. Barra minn dawn kien hemm ukoll xi punti li dwarhom l-amminsitrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet diga hadet azzjoni. Dan sehh fil-kaz tal-preparazzjoni tal-FS5s u l-onorarja tas-Sindku. D.H. qal illi l-amministrazzjoni kienet qieghda tahdem sabiex in-nuqqasijiet li gew innotati waqt l-audit ma jirrepetux ruhhom fil-futur. Finalment, informa lill-Kunsill Lokal illi kienet qieghda tigi mfassla risposta ghar-rapport li kien ircieva l-Kunsill Lokali minghand l-awdituri u kien ser jinforma lill-Kunsill x'azzjonijiet kienu ser jitttiehdu rigward in-nuqqasijiet li rrizultaw

Il-laqgħa spiċċat fit-7:00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 20 ta' Gunju 2013

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**